MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 110/2023 LM

**Louis Azzopardi (K.I. numru 443069(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Malta Dairy Products Limited (C 7833)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Malta Dairy Products Limited (C 7833)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tal-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta tal-10 ta' Ottubru, 2023, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali appellat'], li permezz tiegħu ddeċieda l-pretensjonijiet tar-rikorrent **Louis**

**Azzopardi (K.I. numru 443069(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’] fil-konfront tas-soċjetà intimata, billi ddikjara:

*“**DECIDE**:*

*Għal dawn il-motivi, hija il-konklużjoni tal-Arbitru illi is-soċjetà intimata ma kellha assolutament ebda raġuni legali sabiex teżerċita dak id-dritt li hija ppretendiet li kellha u ċioé t-tnaqqis li hija għamlet mill-ammont li kien dovut lir-rikorrenti meta forniha l-ħalib.*

*Għal dawn il-motivi l-Arbitru jaqta’ u jiddeċiedi dan l-arbitraġġ billi jilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas l-ammont reklamat ta’ €14,129.36, bl-imgħax mid-data li nbdew dawn il-proċeduri u ċioé mit-8 ta’ Ottubru 2021 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjes kollha, skont it-Taxxa Uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta li qiegħda tigi annessa ma’ dan il-lodo u mmarkata Dokument Ittra X, kontra l-istess soċjetà intimata”.*

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellat huwa raħħal tal-baqar u anki membru tal-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib. Huwa jipprovdi l-ħalib lis-soċjetà appellanta b’mod regolari, u l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt bejniethom li ġie fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju, 2017, sabiex jirregolaw ir-relazzjoni ta’ bejniethom. Fl-24 ta’ Ġunju, 2019, is-soċjetà appellanta nfurmat lill-appellat permezz ta’ ittra, li fil-21 ta’ Ġunju, 2019, minn analiżi tal-ħalib ipprovdut minnu, kienet instabet il-preżenza ta’ antibijotiċi, u b’hekk ġiet imposta penali skont il-ftehim suriferit, fejn il-ħalib li nstab ikkontaminat tħallas bil-prezz ta’ 1ċ għal kull litru. Fit-30 ta’ Lulju, 2019, l-appellat irċieva ittra oħra mingħand is-soċjetà appellanta, fejn din infurmatu li minn analiżi tal-ħalib ipprovdut minnu, li saret fis-26 ta’ Lulju, 2019, instab għal darb’oħra li kien hemm il-preżenza ta’ antibijotiċi. Għalhekk is-soċjetà

appellanta infurmatu wkoll li ġaladarba din kienet it-tieni darba li l-ħalib provdut mir-rikorrent, instab ikkontaminat bl-antibijotiċi fi żmien tnax-il xahar mill-ewwel darba, il-prezz tal-ħalib tax-xahar kollu kellu jiġi aġġustat għal ħamsin fil-mija tal-prezz normali, u dan skont il-ftehim ta' bejniethom.

**Mertu**

3. L-appellat ippreżenta Avviż tal-Arbitraġġ fit-8 ta' Ottubru, 2021, u anki Talba bil-Miktub fit-23 ta' Novembru, 2021, fejn iddikjara li:

> *"Ir-rimedju li qed ifittex ir-rikorrent huwa li jitħallas is-somma ta' erbatax-il elf mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€14,129.36) illi ġiet arbitrarjament maqtugħha mill-ħlas għall-ħalib nej mibjugħ mir-rikorrent lis-soċjetà intimata u liema ammont ġie mnaqqas bħala penali arbitrarjament imposta mis-soċjetà intimata".*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fl-20 ta' Diċembru, 2021, fejn sostniet li l-appellat kien kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu, u għaldaqstant hija ma kellhiex trodd lura s-somma mitluba, u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Il-Lodo Arbitrali Appellat**

5. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**KONKLUZJONIJIET:***
>
> *Illi ma hemmx dubbju illi bejn il-partijiet hemm kuntratt u dan il-kuntratt huwa identitku għal kull produttur tal-ħalib. Illi ma jidhirx illi il-produttur tal-ħalib kellu xi għażla jekk jiffirmax dak il-kuntratt jew le. Kull produttur, jekk ried jaħdem, ma kellux*

*għażla. Kellu jaċċetta il-kontenut tal-kuntratt. Kif jgħidu l-Ingliżi* "he either takes it or leaves it".

*Illi dan il-fatt ħareġ ċar waqt il-ġbir tal-provi mhux tant għax qalha xi ħadd mill-partijiet iżda kienet kważi kważi* taken for granted – *iżda imbagħad l-Arbitru aċċerta ruħu li dan kien il-każ meta qara is-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata meta hija issottomettiet illi* "is-sistema odjerna ġiet implimentata sabiex il-proċeduri tal-ġbir tal-ħalib tal-kumpannija jiġu rfinati u effiċjenti kemm jista' jkun malajr". *Dan, għall-Arbitru, ifisser illi ebda wieħed mill-raħħala ma kellu l-opportunità li jirrifjuta li jiffirma il-kuntratt jekk ma kienx jaqbel ma' xi klawsola fih.*

*Sistema "**implimentata**" tfisser neċessarjament illi kien hemm impożizzjoni da parte ta' parti fuq oħra u l-unika parti li setgħet timplimenta sistema kienet ovvjament is-soċjetà intimata. Ir-raħħala ma setgħux jaqblu, il-mija li huma, u jaqblu fuq termini ta' kuntratt u jimplimentawh fuq il-parti l-oħra!*

*Mela allura dan ifisser illi il-produttur, anke kieku ried, ma setax ibiddel il-kondizzjonijiet tal-bejgh tal-ħalib tiegħu.*

*Kuntratt bejn żewġ partijiet (jew iżjed) jippresupponi illi il-partijiet ikunu iltaqgħu, ikunu iddiskutew il-kondizzjonijiet u it-termini ta' bejniethom, ikun sar ftehim dwar dak li sejjer jorbot lill-partijiet, jiġi redatt il-kuntratt bil-kondizzjonijiet miftehma, isiru diskussjonijiet dwar il-kondizzjonijiet li ikunu ġew proposti, isiru it-tibdiliet neċessarji tal-abbozz tal-kuntratt, riżultat tad-diskussjonijiet, sabiex kull parti tkun kuntenta b'dak li ħa tkun sejra tiffirma u, meta isir qbil u jinstab li kull parti tkun ikkuntentata u aċċettat l-istess termini, redatti bil-miktub, allura tagħti l-approvazzjoni tagħha, tagħti l-*imprimatur *fuqu billi tiffirma l-istess kuntratt.*

*Hemm, iva, hemm l-*idem placitum consensus – *ikun hemm il-qbil bejn il-partijiet kontraenti. Il-kuntratt jiġi kompletat.*

*Kuntratt huwa liġi bejn il-kontraenti purche' illi il-partijiet ikunu qablu mat-termini tiegħu u allura iridu jonorawh, jaqblu jew ma jaqblux, għax ikunu taw il-kunsens tagħhom a prioristikament.*

*Allura hemm japplika, bil-qawwa kollha tar-raġuni, illi una volta li jkun sar qbil, ma jistax parti, tkun liema tkun, illi ma tosservax it-termini tal-kuntratt. Kull parti hija responsabbli għal dak li ffirmat għalih għax rieditu u kwindi jekk il-partijiet ikunu qablu li jkun hemm penali għal min jikser dawk il-kondizzjonijiet jew xi waħda minnhom u jkunu ftehmu li tiskatta il-klawsola tal-penali – allura iva, f'dik l-eventwalità il-prinċipju ta'* pacta sunt servanda *għandu japplika* al cento per cento.

*Il-liġi, ossija it-termini tal-kuntratt, iridu jiġu interpretati raġonevolment u intelliġentement u ebda parti ma għandha jew tista' tħossha marbuta b'xi ħaġa li ma tkunx aċċettat volontarjament.*

*L-iskop tal-penali, kif dejjem ġie ritenut, huwa illi min jikser dawk il-kondizzjonijiet li huwa* ***volontarjament*** *ikun aċċetta f'kuntratt ikun ifisser li hu jkun qabel* (agreed), in principio*, illi jekk jikser dawk il-kondizzjonijiet huwa ser jeħel u jkollu jħallas l-ammont dikjarat bħala penali. Trid tirrenja il-volontarjetà bejn il-partijiet sabiex ikun ġie rispettat il-prinċipju tal-*idem placitum consensus.

*Il-volontarjetà hekk tfisser u ċioé illi il-partijiet ikunu ftehmu illi in mancanza ta' xi parti mill-obbligazzjoni tagħha allura taf illi ser tirrokka billi ser ikollha tħallas penali.*

*F'din l-eventwalità ma issir ebda riċerka partikolari jekk tali klawsola hijiex vinkolati jew le u dan għaliex hija evidentement vinkolanti.*

*Infatti min huwa onest u jaċċetta klawsola penintenzjarja ma għandux għalfejn jibża', anke jekk l-ammont tal-penali tkun għolja, u dan għas-sempliċi raġuni illi l-kuntratt jiġi iffirmat* in buona fede *u allura illi sejjer jiġi onorat u kwindi ma tkunx sejra tidħol* in vigore *il-klawsola li jibżgħu minnha ħafna nies. Jibża' mill-klawsola tal-penali min mhux onest u min għandu riservi għall-kuntratt. Min għandu riservi f'kuntratt ikun aħjar li ma jiffirma l-ebda kuntratt għax ikun qed jidħol fl-inkwiet. Min hu diżonest, l-aħjar hu li imur jgħix ġewwa deżert, waħdu u ma jagħmilhiex man-nies.*

*Illi l-Arbitru sottofirmat jaqbel perfettament mar-raġunament tal-Qorti fil-kawża riferuta u ċioé "***Alternative Technologies Limited vs Water Services Corporation***" u ċioé illi la darba penali hija għamla ta' danni pre-stabbiliti l-għan tagħhom għandu jkun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li parti kontraenti iġġarrab minħabba ksur kontrattwali li jkun kommess mill-parti l-oħra. Penali ma tista' qatt tkun għodda ta' kastig. Lanqas ma għandha tkun okkażjoni għal parti li tistgħana bi ħsara tal-parti l-oħra. Hekk irraġunat l-Qorti u għandha perfettament raġun. Dik hija l-ekwità.*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tallum, jirriżulta illi fil-fatt ir-raħħal ma kellu ebda alternattiva għajr li jaċċetta li jeħel il-penali fl-eventwalitajiet imsemmija fil-kuntratt. Dik l-aċċettazzjoni ma saritx volontarjament u allura ma hijiex vinkolanti fuq ir-raħħal.*

*Mhux biss iżda li irrizulta fiż-żgur huwa illi is-soċjetà intimata, bil-fatt illi kien hemm l-okkażjonijiet fejn ir-rikorrenti forna ħalib kontaminat, ma batiet assolutament ebda danni. Ma hemm assolutament ebda dubbju, kif* del resto *irriżulta abbondantement mill-provi imressqa f'dawn il-proċeduri, illi l-istess ħalib tħallat mal-ħalib l-ieħor provdut minn produtturi oħra, ma kienx perikoluż għall-poplu in ġenerali, inbiegħ bla ebda konsegwenza ta' xejn għal ħadd. Malta baqgħet għaddejja mingħajr ebda*

*problema ta' xejn u kienet u għadha injara minn dak kollu li ġara fl-okkażjonijiet imsemmija f'dawn il-proċeduri.*

*Huwa fatt illi il-klawsola tal-penali qegħdha hemm bħala deterrent – iżda biex ikollha tali effett ma tistax tkun waħda imposta fuq l-eventwali sofferent. Irid ikun hemm il-ftehim bejn il-partijiet għall-inseriment tagħha fil-kuntratt, irid ikun hemm il-kunsens taż-żewġ partijiet għall-inseriment tal-imsemmija klawsola sabiex il-parti sofferenti eventwalment tkun obbligata tħallas l-ammont pattwit u ma tkunx tista' tgħid illi jdejha kienet marbuta u allura il-klawsola kienet forzata fuqha.*

*Kull parti f'kuntratt irid ikun liberu li jaċċetta it-termini li bih intrabat. Irid ikun fehem l-import tagħhom, irid ikun aċċettahom bħala li jorbtuh. Jekk ma jkunx aċċetta tali termini iżda kellu, b'forza maġġuri, jaċċettahom għax altrimenti kien jibqa' barra mill-*giro *u kien ikun kostrett li joqtol jew jiddisponi mill-baqar tiegħu, allura f'din l-eventwalità, l-istess kondizzjonijiet ma jistgħux ikunu konsidrati bħala ekwi u vinkolanti fuq il-partijiet. Ma kienx hemm l-aċċettazzjoni tagħhom – ma kienx hemm l-*idem placitum consensus.

*Huwa risaput illi biex persuna tkun ikkonsidrata bħala marbuta trid tkun taf għal x'hiex qed tintrabat, riedet li tkun marbuta b'dawk il-kondizzjonijiet u allura tesprimi dik l-adeżjoni tagħha billi tiffirma l-kuntratt.*

*Għal dawn il-motivi l-kontestazzjoni tas-soċjetà intimata ma hiex qed tintlaqa' u qed tiġi miċħuda*

*Illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammont pretiż mir-rikorrenti."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta appellat mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ntavolat fl-10 ta' Novembru, 2023, fejn qiegħda titlobha sabiex:

*"... tilqa' l-appell billi tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-lodo arbitrali mogħti mill-Onorabbli Tribunal Arbitrali fl-ismijiet premessi (avviż numru 6283/2021 JAS) fl-10 ta' Ottubru 2023 u minflok tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-appellat fl-intier tagħhom u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija esponenti, bl-ispejjeż tal-istanzi kollha kontra l-appellat".*

Is-soċjetà appellanta tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) mingħajr preġudizzju għat-tieni aggravju, l-Arbitru ħareġ 'il barra mit-termini mogħtija lilu, meta ddeċieda dwar il-volontarjetà o meno tal-partijiet kontraenti; (ii) hemm kontradizzjoni ċara bejn uħud mill-motivazzjonijiet u anki bejn l-istess motivazzjonijiet u d-*decide.*

7. L-appellat wieġeb fit-30 ta' Ottubru, 2024, fejn sostna li l-lodo arbitrali huwa ġust, u għaldaqstant jimmerita li jiġi kkonfermat, u l-appell miċħud bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fil-lodo appellat, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat fit-tweġiba tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[l-Arbitru ħareġ 'il barra mit-termini mogħtija lilu meta ddeċieda fuq il-volontarjetà o meno tal-partijiet kontraenti]*

9. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-Arbitru ma żammx *entro* it-termini mogħtija lilu, meta ddeċieda dwar il-volontarjetà o meno tal-partijiet meta dawn iffirmaw il-kuntratt ta' bejniethom intestat 'Kuntratt għax-Xiri ta' Ħalib Nej'. Tikkontendi li l-kwistjoni qatt ma kienet tifforma parti mit-termini tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet, fejn ma ntalbet l-ebda deċiżjoni dwarha min-naħa tal-appellat u lanqas minnha stess. Tgħid li anki l-Arbitru stess

għaraf dan. Is-soċjetà appellanta tirrileva li huma tnejn il-punti ta' liġi li hija xtaqet tidentifika sabiex din il-Qorti tiddeċiedi dwarhom.

Hija tispjega li l-ewwel punt kien imfisser f'dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Vassallo Builders Limited *vs.* Rosello Developments Limited**[1], li:

> *"1. L-Arbitru għandu dejjem jiddeċiedi l-kontroversja skont it-termini espressi lilu konferiti; 2. Dan huwa hekk għaliex il-ġudizzju arbitrali irid jiġi deċiż skont il-volontà tal-partijiet kif espressa fl-attijiet tal-arbitraġġ u bit-tħaddim tar-regoli dettati mill-Att dwar l-Arbitraġġ. Jekk ma jsirx hekk, jeżisti r-riskju li jiġi deċiż xi ħaġa li tkun* ultra compromissum*, u tali ma huwiex leċitu".*

Tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Arbitru kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux jagħmlu parti mil-mandat li ngħata mill-partijiet, u dan fejn fi proċeduri ta' arbitraġġ id-dmir legali li l-ġudikant iżomm mat-termini tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet, huwa iktar oneruż minn f'kull kawża oħra, għaliex il-partijiet stess ikunu ftehmu fuq il-parametri. Is-soċjetà appellanta tispjega fil-qasir il-mertu tal-vertenza odjerna, u kif l-Arbitru kien ittratta kwistjoni li ma kinitx ġiet issollevata mill-partijiet. Tissottometti li ż-żewġ partijiet kienu jafu li l-kuntratt ta' ħalib nej huwa regolat ukoll mil-liġi, minbarra l-volontà u n-negozjati li jsiru ta' spiss bejn il-partijiet u l-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib Limited f'isem ir-raħħala kollha. Tgħid li hawnhekk l-Arbitru rrileva kwistjoni dwar il-volontarjetà tal-appellat, liema kwistjoni ma kinitx tagħmel parti mit-termini espressi li ġew mogħtija lilu, u għalhekk *ultra compromissum.*

[1] 18.06.2010.

It-tieni punt ta' liġi li s-soċjetà appellanta qiegħda titlob li jiġi deċiż minn din il-Qorti, huwa li ma kienu saru l-ebda provi fir-rigward tal-kwistjoni tal-volontarjetà tal-partijiet, u l-partijiet lanqas ingħataw l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom fuq l-imsemmija kwistjoni, u dan bi preġudizzju tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali partikolarment *audi alteram partem,* fejn skont il-para. (b) tal-artikolu 58 tal-Kap. 387, id-deċiżjoni tista' wkoll tkun kontra l-ordni pubbliku. In sostenn tal-imsemmi punt tagħha, is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732A tal-Kap. 12, u tispjega kif mill-provi kien evidenti li tassew mhuwiex minnu li kien hemm xi karenza ta' volontarjetà tal-partijiet. Hija tirrileva wkoll li l-ftehim bejn il-partijiet sar taħt id-diversi liġijiet lokali u dawk Ewropej, li jipprovdu għas-sigurtà fl-ikel. Tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju, billi ssostni li l-Arbitru ma setax jiddeċiedi punti *ultra compromissum* it-termini mogħtija lilu, u fejn il-partijiet ma kellhom l-ebda opportunità li jipproduċu l-provi tagħhom. Għalhekk tikkontendi li l-Qorti għandha tqis din il-parti tal-lodo arbitrali bħala illeċita.

10. Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li huwa ma jaqbel xejn mal-fehma tas-soċjetà appellanta. Huwa jagħmel riferiment għas-subinċiż (iii) tal-para. (a) tas-subartikolu 70(1) tal-Kap. 387, li skont din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Alfred Vella *vs.* AX Construction Limited u General Precast Construction Limited**[2], *"jikkontempla l-pronunzjament* ultra compromissum". L-appellat jikkontendi li minn ħarsa lejn il-lodo arbitrali, huwa evidenti li qatt ma ngħatat deċiżjoni *per se* dwar il-validità o meno tal-ftehim bejn il-partijiet, u dan fejn skont hu l-Arbitru kien iddeċieda biss li ġaladarba s-

[2] Appelli Inferjuri, 26.02.2010.

soċjetà appellanta *"ma bagħtiet* [recte: batiet] *assolutament ebda danni"* meta ġie fornut ħalib ikkontaminat, il-penali kienet waħda arbitrarja. Issostni li għalhekk ma kien hemm xejn fil-lodo arbitrali *ultra compromissum,* iżda wkoll jekk kien hemm xi pronunzjament *ultra compromissum* dan seta' jiġi faċilment isseparat mid-deċiżjoni tal-Arbitru kif jipprovdi is-subinċiż suriferit.

11. Il-Qorti ser tibda billi qabel xejn tikkunsidra t-talba li tressqet mill-appellat quddiem l-Arbitru, fejn sostna li l-penali li ġiet imposta fuqu mis-soċjetà appellanta kienet waħda arbitrarja, fejn hija saħansitra ma kienet sofriet l-ebda dannu, u ma ntrema l-ebda ħalib ta' produtturi oħra. Għalhekk l-appellat talab sabiex jitħallas is-somma ta' €14,129.36 li kienet ġiet arbitrarjament imnaqqsa mill-ħlas li sar mis-soċjetà appellanta. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta nsistiet li hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għar-rifużjoni ta' dak mitlub fid-dawl tal-allegati nuqqasijiet serji ferm min-naħa tal-appellat, li waslu sabiex tiġi mposta fuqu l-penali in kwistjoni skont il-ftehim li kien ġie ffirmat minnu stess. Mill-qari tal-lodo arbitrali, jirriżulta li l-Arbitru ddeċieda proprju t-talba kif ippreżentata mill-appellat, u kkontestata mis-soċjetà appellanta stess, u xejn iktar. Għalkemm huwa minnu li l-Arbitru ttratta qabel xejn il-kwistjoni dwar il-volontà o meno tal-appellat, meta dan iffirma l-ftehim li sar bejn il-partijiet, huwa kien qiegħed jindirizza proprju l-istess kwistjoni li qajmet is-soċjetà appellanta fit-tweġiba tagħha meta sostniet li *"...l-penali imposta fuq ir-rikorrent minħabba n-nuqqasijiet serjissimi tiegħu u li ġiet imposta fuqu skont il-kuntratt illi ffirma u qabel għaliha huwa stess".* Għalhekk ma jirriżultax li l-argument tas-soċjetà appellanta kif imfisser taħt l-ewwel aggravju tagħha, jista' jirnexxi. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tagħha ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[hemm kontradizzjoni manifesta bejn uħud mill-motivazzjonijiet infushom, u anki bejn l-istess motivazzjonijiet u d-*decide*]*

12. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li hemm kontradizzjoni ferm evidenti bejn uħud mill-motivazzjonijiet, u anki bejn l-istess motivazzjonijiet u d-*decide.* Tikkontendi li dan kollu wassal sabiex il-lodo arbitrali huwa wieħed inkoerenti. Hija tgħid li hemm tliet punti ta' liġi li huma identifikabbli u li għandha tittieħed deċiżjoni dwarhom minn din il-Qorti. L-ewwel punt huwa li dejjem għandu jkun hemm rabta loġika bejn il-motivazzjoni u d-deċiżjoni, anki fejn din tikkonsisti f'lodo arbitrali, u fin-nuqqas, tali deċiżjoni hija waħda invalida. It-tieni punt tas-soċjetà appellanta huwa li fejn l-Arbitru sab *"illi kien hemm l-okkażjonijiet fejn ir-rikorrenti forna ħalib kontaminat",* hija ma setgħetx ma tapplikax il-penali miftehma bejn il-partijiet abbażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda* u anki tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'riferiment partikolari għal dak li jipprovdi l-artikolu 1118 *et sequitur* tal-Kap. 16. It-tielet punt imbagħad jittratta l-oneru tal-prova, fejn is-soċjetà appellanta tikkontendi li dan huwa fuq min jallega u mhux fuq min jeċċepixxi. Hija tiċċita dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Windsor Co. Ltd *vs.* Fithome Ltd**[3], filwaqt li ttenni għal darb'oħra li l-kwistjoni tal-volontarjetà ma kellha qatt tiġi kkunsidrata mill-Arbitru mingħajr il-volontà tal-partijiet. Hija tagħmel diversi sottomissjonijiet ulterjuri dwar din il-kwistjoni li ġiet issollevata permezz tal-ewwel aggravju tagħha, u tisħaq li l-konklużjonijiet tal-Arbitru hawnhekk huma għal kollox gratwiti, u dan jista' jagħti lok għal preġudizzju tad-drittijiet tal-partijiet, b'riperkussjonijiet li jmorru

[3] Appelli Inferjuri 26.03.2010.

lil hinn mill-proċeduri odjerni. Is-soċjetà appellanta tirrileva li dak li ċċita l-Arbitru fil-lodo arbitrali min-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ma kienx korrett, u tispjega dak li fil-fatt hija xtaqet tfisser fid-dawl tal-Appendiċi 2 tal-Kuntratt, kuntrarjament għal dak li fehem l-Arbitru. B'riferiment għal Klawsola 4 tat-Taqsima B tal-imsemmi Appendiċi, s-soċjetà appellanta tispjega li dan jirrifletti r-Regolament 37/2010 dwar il-*Maximum Residual Levels*, u jipprovdi għal penalitajiet f'każ li *"...it-testijiet fuq il-kampjuni tal-ħalib, wara dan ikun diġà daħal fis-sistema tal-MDP",* ikunu pożittivi. Is-soċjetà appellanta tgħid li fil-każ odjern, irriżulta mhux kontestat li l-appellat kien ipprovda ħalib ikkontaminat skont l-imsemmija klawsola, u għal dan hija kienet imponiet il-penaltajiet hemm ikkontemplati. Is-soċjetà appellanta tgħid li madankollu l-Arbitru laqa' it-talba tal-appellat billi mmotiva d-deċiżjoni tiegħu b'mod li ssejjaħ 'inkonċiljabbli' kif fissret aktar 'il fuq. Is-soċjetà appellanta tinsisti li m'hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejn il-konferma tat-Tribunal li l-appellat kien fil-fatt kiser l-obbligi tiegħu taħt il-ftehim kif soġġett għal penali, u dak li ddikjara li hija *"ma kellha assolutament ebda raġuni legali sabiex teżerċita dak d-dritt li hija ppretendiet li kellha u ċioé it-tnaqqis li hija għamlet mill-ammont li kien dovut lir-rikorrent meta forniha l-ħalib".* Is-soċjetà appellanta tkompli tinsisti li minkejja l-appellat ma kienx irnexxielu jipprova t-talba tiegħu, u hija kienet ippruvat l-eċċezzjonijiet tagħha oltre kull dubju raġonevoli, l-Arbitru kien laqa' it-talba tal-appellat u ċaħad l-eċċezzjonijiet tagħha. Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-massima *pacta sunt servanda* u l-liġi dwar il-penali, huma intrinsikament konnessi, u dan fejn il-penali saret fi ftehim li ġie ffirmat b'mod volontarju. Filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li tgħid il-ġurisprudenza dwar il-klawsola penali fil-kuntratti, tissottometti li fejn id-debitur jonqos mill-obbligu tiegħu, huwa jkun tenut

iħallas il-penali miftehma skont l-artikoli 1118 sa 1124 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk l-Arbitru kellu idejh marbutin bil-liġi, u kien tenut jiddikjara li kellha titħallas il-penali mill-appellat. Is-soċjetà appellanta tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha billi tistqarr li huwa evidenti li l-lodo arbitrali kien naqas li jħares it-tliet punti ta' liġi mfissra, sabiex b'hekk il-Qorti għandha tikkunsidrah bħala żbaljat.

13. Dwar dan it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jissottometti li anki hawnhekk is-sottomissjonijiet tagħha ma jreġux. Jgħid li kuntrarjament għal dak li qiegħda tallega s-soċjetà appellanta, hemm rabta ċara bejn il-konsiderazzjonijiet u d-*decide* tal-Arbitru, fejn ikkunsidra li ġaladarba l-imsemmija soċjetà appellanta ma sofrietx danni, allura l-ebda ħlas ta' penali ma huwa dovut. L-appellat jissottometti li għalkemm hija għamlet riferiment għall-artikolu 1118, is-subartikolu 1121(1) u l-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili, hija m'għamlet l-ebda riferiment għall-artikolu 1120 tal-istess liġi, li jinsab taħt l-istess sub-titolu *'Fuq l-Obbligazzjonijiet bi Klawsoli Penali'*, u li huwa kruċjali sabiex jiġi deċiż il-każ odjern. Jikkontendi li mill-provi rriżulta li s-soċjetà appellanta ma kienet sofriet l-ebda dannu ta' xejn u l-ħalib fornut mill-appellat, għalkemm kontaminat, tħallat mal-kumplament tal-ħalib fornut mir-raħħala l-oħra, u l-ħalib kollu ġie mibjugħ mis-soċjetà appellanta. Għalhekk ġaladarba s-soċjetà appellanta ma sofriet ebda ħsara, kjarament m'huwa dovut l-ebda kumpens. L-appellat jgħid li din kienet ir-rabta loġika bejn il-motivazzjoni u d-*decide* tal-Arbitru. In sostenn tal-argument tiegħu, l-appellat hawnhekk jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Carmelo Ciappara *vs.* Franz Steinboeck *noe et***[4], fejn il-fatti kienu identiċi bħal

[4] Appelli Inferjuri, 10.10.2003.

dawk riżultanti fil-każ odjern, u jiċċita estensivament dak li qalet. L-appellat jagħmel ukoll riferiment għal diversi sentenzi oħra tal-Qrati, u jsejjaħ bħala assurda is-sitwazzjoni fejn huwa jiġi kkundannat iħallas penali minħabba kontaminazzjoni tal-ħalib, iżda dan jinbiegħ xorta waħda, u b'hekk is-soċjetà appellanta tkun arrikkixxiet ruħha darbtejn a skapitu tiegħu.

14. Il-Qorti għandha tgħid li f'dak kollu li tissottometti s-soċjetà appellanta, kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni, hija tonqos milli tottempora ruħha mas-subartikolu 70B(1) tal-Kap. 387, u tiddentifika xi punt ta' liġi li għandu jiġi deċiż minn din il-Qorti permezz tal-proċeduri odjerni, u għaldaqstant il-kwistjonijiet li qegħdin jiġu hawn issollevati minnha huma inammissibbli. Hija saħansitra tidħol fil-mertu tal-kwistjoni tal-impożizzjoni tal-penali *ai termini* tal-ftehim bejn il-partijiet, u tittenta tiġġustifika r-raġuni għaliex hija kienet eżiġiet l-ħlas tal-imsemmija penali. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa inammissibbli *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70B(1) tal-Kap. 387.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, tiċħad l-ewwel aggravju tagħha, u tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**